MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 1200/2001/1

**The Cargo Handling Company Limited.**

**-vs-**

**Valletta Freight Services Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-3 ta' Lulju, 2001 li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' sitt elef hames mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm6,524.13), import ta' diversi fatturi relattivi ghal *shiftwork*, *crainage*, *charges*, *handling charges* u servizzi ancillari, u dan kif jirrizulta mill-prospett anness u mmarkat bhala Dok. CH1;

U illi s-socjeta' attrici hija wkoll kreditrici tas-socjeta' konvenuta f'dak l-ammont li jirraprezenta l-imghaxijiet legali mid-data tas-servizi relattivi;

U illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi, anke permezz ta' ittra ufficcjali tal-21 ta' Dicembru 2000, sabiex thallas id-debitu taghha izda baqghet inadempjenti;

U illi l-imsemmi kreditu tas-socjeta' attrici huwa cert, likwidu u ezigibbli u, sa fejn jafu rapprezentant tas-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta m'ghandha ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghall-hlas ta' din is-somma, kif jidher mill-affidavit ta' Godwin Abela hawn anness u mmarkat bhala Dok. CH2;

U illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta' l-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. ma ghandiex dina l-Onorabble Qorti taghti sentenza u tilqa' t-talba ta' l-attur bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proceduri Civili (Kap. 12); u

2. hekk tikkundanna minnufih lill-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef hames mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm6,524.13), fuq imsemmija, dovuta kif intqal fuq.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta' Dicembru 2000, u bl-imghaxijiet mid-data tal-prestazzjonijiet rispettivi sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta, ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn Godwin Abela, I.D. 46237(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta pprezentata fit-22 ta’ Novembru, 2001 li permezz taghha eccepiet;

1. In linea preliminari l-eccezzjoni tal-“litis pendentia” billi mis-somma mitluba, l-ammont ta’ LM2854.45c diga’ huwa il-mertu ta’ kawza fl-istess ismijiet (Citaz. Nru. 2218/98 Gc) fejn fost somma akbar li qed tintalab, hemm inkluza l-istess partiti.

2. Illi subordinatament kull partita li tmur lil hinn minn sena hija preskritta skond l-art. 544 (d) tal-Kodici Kummercjali.

3. Illi subordinatament u fil-mertu, l-ammont mitlub fic-citazzjoni mhux dovut ghax is-shift fee ta’ 12 centezmu kull tunnellata mhux dovut.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ konvenuta mahlufa minn David Jones, I.D. 725243(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-noti ta’ riduzzjoni a fol 18 u 31 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Mejju, 2006 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar it-tieni eccezzjoni tas-socjeta konvenuta’.

Rat l-atti processwali kollha.

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher il-konvenuti qed jeccepixxu l-preskrizzjoni skond l-Artikolu 544 tal-Kodici tal-Kummerc (Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta’ Malta). Dan l-artikolu jghid li;

*L-azzjonijet li gejjin jqghu bil-preskrizjoni kif sejjer jinghad hawn taht;*

*Kull azzjoni ghal hlas tas-salarju tal-haddiema u ghal xoghlijiet maghmula, sena wara li jispiccaw ix-xoghlijiet jew wara l-kunsinna tax-xoghol.*

Ix-xhud Mario Tellus in rapresentanza tas-socjeta' konvenuta ndika l-ammonti li dwarhom qed issir din l-eccezzjoni fis-seduta tas-17 ta' Mejju, 2006. Fil-fatt huwa qal ukoll li sa fejn kien jaf hu qatt ma kienu rcevew xi intimazzjoni biex isiru l-hlasijiet relatttivi. Mid-dokumenti esebiti a fol 36 *et sequitur* tal-process, billi l-kawza giet intavolta fit-3 ta' Lulju, 2001 jidher li minn Dok A hemm l-ammonti allegatament dovuti f'April 2000, Mejju 2000 u Gunju 2000 illi huma kollha preskritti; minn Dok B l-ammonti minn Mejju 1997 sa Gunju 2000 u minn Dok C l-ammonti dovuti mill-1992 sal-1998. Ma saret ebda prova ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni ghal dawn l-ammonti illi jammontaw b'kollox ghas-somma kollha mitluba *eccetto* erba' mija, erba' u hamsin Lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm454.38).

**Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, hlief ghall-ammont imsemmi u tiddikjara preskritti l-ammonti l-ohra mitluba; tordna ghalhekk li l-kawza titkompla fir-rigward tas-somma imsemmija.**

**Spejjes riservati ghal gudizzju finali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------